FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 18 TA' FRAR, 2002

**Numru:**

**Avviz Nru: 1035/01 JB**

**Zammit Trading Limited**

**vs**

**Excell Catering Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' Lm744.93c (sebgha mija u erbgha u erbghin liri Maltin u tlieta u disghin centezmi), rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra n-nota ta' cessjoni pprezentata fis- 7 ta' Frar, 2002 fejn is-socjeta attrici ccediet l-kawza stante pagament fil-mori tal-kawza, b' riserva ghall-kap tal-ispejjez.

Sema lil Dr. Adrienne Agius tikkonferma bil-gurament li l-ispejjez ghadhom ma thallsux;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici ghall-ispejjes, bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**